# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Wayne McKay**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Wayne McKay ID 103996M** u li permezz tagħhom ġie imħarrek talli fl-14 ta' Marzu 2015 għall-ħabta ta' 07:45 fi Triq Dun Luret Callus, Ħaż-Żebbuġ :

1. Kiser il-bon-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
2. Talli ħebb għall-persuna ta' Herman Mallia u Lorraine Mallia Mercieca u kkaġunalhom ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifika Dr. Patrick Huhn bin-numru tar-reġistrazzjoni medika 2849 mill-Qormi Health Centre.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Il-motivazzjonijiet tas-sentenza</u>***

*Ikkunsidrat :*

Illi f'dan il-każ, il-partijiet kollha involuti u li kienu jinsabu mixlija separatament bit-twettieq ta' reati kriminali, minkejja li kien hemm pendenti tali azzjonijiet kriminali kontrihom, u minkejja l-grad ta' qrubija bejn Raymond u Wayne McKay fuq naħa u Lorraine Mallia Mercieca u Herman Mallia fuq in-naħa l-oħra, xorta waħda għażlu li jixhdu f'din il-kawża, minkejja t-twissijiet li l-Qorti tagħthom dwar id-drittijiet rispettivi tagħhom, inkluż dawk li jistgħu jitolbu li ma jwiġbux mistoqsijiet li bit-tweġibiet tagħhom, dato l-allegat involviment tagħhom fil-fatti li taw lok għall-każ de quo, setgħu jinkriminaw lilhom infushom jew setgħu jinkriminaw lil qarib rispettiv tagħhom.

Illi fil-kors tax-xiehda kien evidenti għal din il-Qorti li bejn il-partijiet tnislet sens ta' pika u attrit li ma għandhiex tkun bejn il-ġirien. Iżda f'dan il-każ din qabżet il-limitu permissibbli mill-Liġi.

F'dan il-każ ma kienx hemm ix-xiehda kontrastanti tad-*dramatis personae* hawn fuq imsemmija, iżda wkoll ix-xiehda tax-xhud estraneju Charles

Borg. Il-Qorti tat il-piż li jixraq lid-desposizzjoni ta' dan ix-xhud li assista għall-partijiet l-aktar importanti għall-inċidenti li sawru dan il-każ.

Il-Qorti ordnat li x-xiehda kollha tiġi reġistrata u għalhekk dak li qalu x-xiehda mhux ser jiġi rikapitolat f'din is-sentenza. Jingħad biss li din il-Qorti temmen il-verżjoni tal-fatti kif rakkuntati minn dan ix-xhud b'mod partikolari.

Il-provi prodotti jwaslu lil din il-Qorti li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat f'dan il-każ kiser il-bon-ordni u l-paċi pubbliku b'għajjat u ġlied u kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Lorraine Mallia Mercieca.

Mix-xiehda ta Charles Borg, jirriżulta li fil-fatt hu wkoll kien ipprova li jmur biex jipprova "jżomm" lill-imputat u lil missieru. Hu jgħid li dawn kienu imdawrin ma Herman Mallia u dan ix-xhud prova jżommhom biex ma jmissux lil Herman u biex ma tkomplix taggrava s-sitwazzjoni. Lil Herman raħ f'rokna u "l-oħrajn" – McKay missier u iben – kienu fuqu. Biss ġew ukoll xi nies oħra u lil Wayne McKay warbuh lil hemm. Biss mistoqsi mill-Qorti speċifikament x'rahom jagħmlu fil-konfront ta' Herman Mallia, McKay missier u iben, dan ix-xhud stqarr : "hawn jippruvaw iħebbu għalih hu" – għalih spjega li kien qed jirreferi għal Herman Mallia. Apparti minn hekk, aktar l-isfel fix-xiehda tiegħu,

Charles Borg jgħid li Herman Mallia laqqat xi daqtejn ukoll mingħand dawn it-tnejn minn nies in kwantu jtenni (a fol 10 tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tiegħu) li "blows were thrown" u fuq mistoqsija tal-Qorti dan l-istess xhud wieġeb li dawn id-daqqiet ingħataw minn Raymond u Wayne McKay lil Herman Mallia (għalkemm stqarr diversi drabi li lilu ma messewhx).

Lorraine Mallia Mercieca tixhed li meta rat lill-imputat u lil missieru iħebbu għar-raġel tagħha, Herman Mallia, hi marret biex tiddefendi lir-raġel tagħha. Dak il-ħin l-imputat "tani daqqa hawnhekk li dak il-ħin bdejt inħossni qed nistordi". Fil-fatt hija tgħid li dak il-ħin ma kellhiex xi ħmura, iżda l-għada bdiet toħroġ dil-ħmura madwar l-għajn.

Miċ-ċertifikat tat-tabib Patrick Huhn, konfermat permezz t'affidavit, jirriżulta li huwa dijanjostika "erythema over right side of nose / aroud right eye (no abrasion, no visible bruise at this point)". Taħt noti oħra dan iżid li "claims to have been hit with fist". Id-data u l-ħin taċ-ċertifikat tiegħu kienu l-14 ta' Marzu 2015 u l-ħin kien id-8:50am. Dan iċ-ċertifikat għalhekk ġie rilaxxjat fis wara li seħħ l-inċident de quo.

Skond il-***Mosby's Dictionary of Medicine, Nursing & Health Professions***, 8 edizzjoni, pubblikat fl-2009 minn Elsevier Publishers, erythema tfisser "redness of the skin or mucous membranes, caused

by hyperemia of superficial capillaries". Din tkun normalment kawżata permezz ta' ġrieħi fuq il-ġilda, infezzjoni jew infjammazzjoni.

Mill-banda l-oħra, għalkemm Herman Mallia jgħid li huwa safa' aggredit u msawwat f'dan l-inċident, u jgħid ukoll li huwa kellu daqqiet fuq daru għax ħasshom kif ukoll kellu girfa fuq waħda mill-"eyelashes" tiegħu, dan ix-xhud ma produċiex ċertifikat mediku biex isostni l-allegati offiżi. Mil-banda l-oħra ma kienx ċar dwar min kien li taħ dawk id-daqqiet li ħass fuq daru jew min ikkaġunalu l-girfa fuq waħda mill-eyelashes.

Biss il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-offiża fuq il-persuna ta' Lorraine Mallia Mercieca ġiet kaġunata bl-azzjoni tal-imputat.

# DECIDE :

li qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 338(dd), 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda tikkundannah għal multa komplessiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500) u wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Herman Mallia u ta' Lorraine Mallia Mercieca kif ukoll sabiex jiġi mħares l-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku qegħda

torbot lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' tnax il-xahar millum taħt penali t'elfejn euro (€2000).

***Mogħtija illum il-25 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***